



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A8-0063/2019**

4.2.2019

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni li jiżguraw il-konnettività bażika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni  
(COM(2018)0895 – C8-0511/2018 – 2018/0436(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Isabella De Monte

(Proċedura simplifikata – Artikolu 50(2) tar-Regoli ta' Proċedura)

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
PROCĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	10



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni li jiżguraw il-konnettività bażika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni (COM(2018)0895 – C8-0511/2018 – 2018/0436(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2018)0895),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0511/2018),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' ...<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ta' ...<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0063/2019),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> [ĠU C 0, 0.0.0000, p. 0 / Għadha mhix ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali]

<sup>2</sup> [ĠU C 0, 0.0.0000, p. 0 / Għadha mhix ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali]

## Emenda 1

### Proposta għal regolament Premessa 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Sabiex jiġi evitat tfixkil serju kawża ta' dan, inkluż fir-rigward tal-ordni pubbliku, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit sett temporanju ta' miżuri li jippermettu lill-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq liċenzjati fir-Renju Unit iġorru merkanzija bit-triq bejn it-territorju ta' dan tal-aħħar u l-bqija tas-sebġha u għoxrin Stat Membru. Sabiex jiġi żgurat ekwilibriju ġust bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri li jifdal, jenħtieġ li d-drittijiet mogħtija jkunu soġġetti għall-għoti ta' drittijiet ekwivalenti u għal ċerti kundizzjonijiet li jiżguraw il-kompetizzjoni ġusta.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

- (2) "trasport **bilaterali**" tfisser:
- (a) vjaġġ mgħobbi li jsir minn vettura **li l-postijiet tat-tluq u tal-wasla tagħha jkunu fit-territorju** tal-Unjoni **u fit-territorju** tar-Renju Unit **rispettivament**, li jgħaddi jew bla ma jgħaddi minn xi Stat Membru wieħed jew aktar jew minn pajjiżi terzi;
- (b) vjaġġ **bla tagħbija** li **huwa involut ma' trasport imsemmi fil-punt (a)**;

#### *Emenda*

(4) Sabiex jiġi evitat tfixkil serju kawża ta' dan, inkluż fir-rigward tal-ordni pubbliku, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit sett temporanju ta' miżuri li jippermettu lill-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq liċenzjati fir-Renju Unit iġorru merkanzija bit-triq bejn it-territorju ta' dan tal-aħħar u l-bqija tas-sebġha u għoxrin Stat Membru **jew minn territorju tar-Renju Unit għal territorju tar-Renju Unit bi tranżitu fi Stat Membru wieħed jew aktar**. Sabiex jiġi żgurat ekwilibriju ġust bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri li jifdal, jenħtieġ li d-drittijiet mogħtija jkunu soġġetti għall-għoti ta' drittijiet ekwivalenti u għal ċerti kundizzjonijiet li jiżguraw il-kompetizzjoni ġusta.

#### *Emenda*

- (2) "trasport **awtorizzat**" tfisser:
- (a) vjaġġ mgħobbi li jsir minn vettura **minn territorju** tal-Unjoni **għal territorju** tar-Renju Unit **jew viċe versa**, li jgħaddi jew bla ma jgħaddi minn xi Stat Membru wieħed jew aktar jew minn pajjiżi terzi;
- (b) vjaġġ **mgħobbi** li **jsir minn vettura minn territorju tar-Renju Unit għal territorju tar-Renju Unit bi tranżitu f'territorju tal-Unjoni**;
- (ba) **vjaġġ bla tagħbija li huwa involut**

*ma' trasport imsemmi fil-punti (a) u (b);*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) "liċenzja tar-Renju Unit" tfisser liċenzja maħruġa mir-Renju Unit għall-finijiet ta' trasport internazzjonali, **inkluż it-trasport bilaterali**;

*Emenda*

(5) "liċenzja tar-Renju Unit" tfisser liċenzja maħruġa mir-Renju Unit għall-finijiet ta' trasport internazzjonali, **fir-rigward ta' trasport awtorizzat**;

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Artikolu 3 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Id-dritt li jitwettaq it-trasport **bilaterali**

*Emenda*

Id-dritt li jitwettaq it-trasport **awtorizzat**

### Emenda 5

#### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. l-operaturi tat-trasport ta' merkanzija bit-triq tar-Renju Unit jistgħu, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, iwettqu t-trasport **bilaterali**.

*Emenda*

1. l-operaturi tat-trasport ta' merkanzija bit-triq tar-Renju Unit jistgħu, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, iwettqu t-trasport **awtorizzat**.

### Emenda 6

#### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. It-trasport **bilaterali** tat-tipi li ġejjin jistgħu jitwettqu minn persuni naturali jew ġuridiċi stabbiliti fir-Renju Unit, mingħajr

*Emenda*

2. It-trasport **awtorizzat** tat-tipi li ġejjin jistgħu jitwettqu minn persuni naturali jew ġuridiċi stabbiliti fir-Renju

il-ħtieġa għal liċenzja tar-Renju Unit fis-sens tal-Artikolu 2(5):

Unit, mingħajr il-ħtieġa għal liċenzja tar-Renju Unit fis-sens tal-Artikolu 2(5):

## Emenda 7

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Matul it-trasport ***bilaterali*** skont dan ir-Regolament, ir-regoli li ġejjin għandhom jiġu osservati:

##### *Emenda*

Matul it-trasport ***awtorizzat*** skont dan ir-Regolament, ir-regoli li ġejjin għandhom jiġu osservati:

## Emenda 8

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 5 – paragrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Fejn tiddetermina li d-drittijiet mogħtija mir-Renju Unit lill-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tal-Unjoni mhumiex, *de jure* jew *de facto*, ekwivalenti għal dawk mogħtija lill-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tar-Renju Unit skont dan ir-Regolament, jew li dawk id-drittijiet mhumiex disponibbli b'mod ekwu għall-operaturi kollha tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista', sabiex terġa' tiġi stabbilita l-ekwivalenza, permezz ta' atti delegati:

(a) ***tistabilixxi limiti permissibbli tal-kapaċità disponibbli għall-operaturi*** tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ***tar-Renju Unit*** jew ***għall-għadd ta' vjaġġi jew għat-tnejn***;

(b) ***tissospendi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***; jew

##### *Emenda*

2. Fejn tiddetermina li d-drittijiet mogħtija mir-Renju Unit lill-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tal-Unjoni mhumiex, *de jure* jew *de facto*, ekwivalenti għal dawk mogħtija lill-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tar-Renju Unit skont dan ir-Regolament, jew li dawk id-drittijiet mhumiex disponibbli b'mod ekwu għall-operaturi kollha tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista', sabiex terġa' tiġi stabbilita l-ekwivalenza, permezz ta' atti delegati:

(a) ***tissospendi l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) u (2) ta' dan ir-Regolament meta l-ebda dritt ekwivalenti ma jingħata lill-operaturi*** tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ***tal-Unjoni*** jew ***meta d-drittijiet mogħtija jkunu minimi***; jew

(b) ***tistabilixxi limiti permissibbli tal-kapaċità disponibbli għall-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tar-Renju Unit*** jew ***għall-għadd ta' vjaġġi jew għat-tnejn***; jew



(c) tadotta kwalunkwe miżura oħra xierqa.

(c) tadotta kwalunkwe miżura oħra xierqa ***bħal dazji finanzjarji jew restrizzjonijiet operattivi.***

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta tiddeċiedi li, bħala riżultat ta' kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 3, l-imsemmija kundizzjonijiet huma sostanzjalment inqas favorevoli minn dawk li jgawdu minnhom l-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tar-Renju Unit, il-Kummissjoni tista', sabiex tirrimedja dik is-sitwazzjoni, permezz ta' atti delegati:

(a) ***tistabilixxi limiti permissibbli tal-kapaċità disponibbli għall-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tar-Renju Unit jew għall-għadd ta' vjaġġi jew għat-tnejn;***

(b) ***tissospendi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament; jew***

(c) tadotta kwalunkwe miżura oħra xierqa.

#### *Emenda*

2. Meta tiddeċiedi li, bħala riżultat ta' kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 3, l-imsemmija kundizzjonijiet huma sostanzjalment inqas favorevoli minn dawk li jgawdu minnhom l-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tar-Renju Unit, il-Kummissjoni tista', sabiex tirrimedja dik is-sitwazzjoni, permezz ta' atti delegati:

(a) ***tissospendi l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) u (2) ta' dan ir-Regolament meta l-ebda dritt ekwivalenti ma jingħata lill-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tal-Unjoni jew meta d-drittijiet mogħtija jkunu minimi; jew***

(b) ***tistabilixxi limiti permissibbli tal-kapaċità disponibbli għall-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tar-Renju Unit jew għall-għadd ta' vjaġġi jew għat-tnejn; jew***

(c) tadotta kwalunkwe miżura oħra xierqa ***bħal dazji finanzjarji jew restrizzjonijiet operattivi.***

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Regoli komuni li jiżguraw il-konnettività bażika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni
<b>Referenzi</b>	COM(2018)0895 – C8-0511/2018 – 2018/0436(COD)
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	20.12.2018
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 14.1.2019
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Isabella De Monte 17.1.2019
<b>Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni</b>	10.1.2019
<b>Eżami fil-kumitat</b>	22.1.2019
<b>Data tal-adozzjoni</b>	22.1.2019
<b>Data tat-tressiq</b>	4.2.2019